# Kwadri tal-Madonna tar-Rużarju fil-knejjes Maltin u l-awturi tagħhom



Chev. Mario Coleiro OSJ.

Wieħed mill-iktar titli tal-Madonna li igawdi devozjoni f'pajjiżna huwa bla dubju ta' xejn dak tal-Madonna tar-Rużarju. Xida ta' dan huma n-numru kbir ta' Vari u Kwadri ta' dan it-titlu li insibu imferxin fil-knejjes ta' Malta u Għawdex. Propju f'dan l-artiklu ser nagħtu daqqa t'għajn li xi kwadri fil-knejjes tagħna.

Ser nibdew mill-kwadru li insibu fil-knisja tat-Trinità qaddisa tal-Marsa. Hawnhekk insibu kwadru sabiħ li juri lil Madonna ma San Duminku. Dan huwa xogħol ta' Ganni Vella u kien ħa post ieħor iktar antik li sfortuntament kien inqered fil-gwerra meta intlaqtet din il-knisja.

Fis-santwarju tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar insibu kwadru interessanti tar-Rużarju li huwa xogħol ta' Enrico Regnaud u sar fil-1728. Mad-dawra ta' dan il-kwadru naraw il-posti tar-Rużarju.

Fil-Kolleġjata tal-Imakulata Kunċizjoni ta' Bormla insibu l-artal tal-Madonna tar-Rużarju li għandu kwadru tal-pittur Gannikol Buhagiar. Mal-Madonna f'dan il-kwadru naraw lil San Duminku, Santa Katerina ta' Siena, San Pietru martri Dumnikan.

Francesko Zahar pitter il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li insibu fil-Bażilika u Kolleġjata ta' Sant Elena ta' Birkirkara. F'dan il-kwadru ukoll naraw il-ħmistax il-posta tar-Rużarju impittra mad-dawra tal-kwadru.

Fil-Knisja ta' San Ġużepp tal-Msida insibu kwadru sabiħ ħafna tal-Madonna tar-Rużarju ma San Duminku u Santa Katerina ta' Siena. Dan il-kwadru huwa biċċa xogħol tajba tal-pittur Ġużeppi Calì li pittru fil-1888 u tħallas mill-Markiz Xikluna.Dan l-artal huwa wieħed miż-żewġ kappeluni ta' din il-Knisja.

Fil-Knisja arċipretali ta' Santa Katerijan taż-Żejtun insibu kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li fih naraw influwenza tal-arti Naplitana. Dan huwa biċċa xogħol tajba tal-pittur Gannikola Buhagiar. Fih mal-Madonna bil-Bambin naraw ukoll lil San Duminku u Santa Katerina ta' Sena. Fdan il-kwadru naraw ukoll mad-dawra ħmistax il-domns tal-posti tar-Rużarju.

Fuq wieħed mill-artali tal-ġenb tal-kappelun taċ-ċintura fil-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu tal-Ħamrun insibu kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li tpitter minn Ġużeppi Bonnici. F'dan il-kwadru mal-Madonna u San Duminku naraw lil

San Vincez Ferreri.

Fil-Knisja parrokkjali ta' San Nikola tas-Siġġiewi insibu artal iddedikat lil Madonna tar-Rużarju. Dan il-kwadru huwa xogħol ta' Roccu Buhagiar. Fih mal-Madonna u l-Bambin naraw lil San Duminku, Santa Katerina ta' Siena u San Vimcez Ferreri. F'dan il-kwadru naraw ukoll il-ħmistax il-posta tar-Rużarju. Roccu Buhagar pitter ukoll il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li insibu fil-knisja bażilika ta' Marija Bambina tax-Xagħra Għawdex.

Ġużeppi Calì pitter il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li insibu fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija tal-Mosta fil-1870 u dan kien wieħed min tal-bidu tal-karira tiegħu. Hekk naraw li kopla bil-kwadri tal-Madonna tar-Rużarju b'dak li insibu fil-knisja parrokkjali l-antika tal-Madonna ta' Luretu f'Għajsielem Għawdex li pittru fil-1890.Ftit wara pitter kwadru ieħor tal-Madonna tar-Rużarju u dan insibu fil-knisja parrokkjali ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Balzan. Dan il-kwadru pittru fil-1892 fil-waqt li fil-1899 pitter il-Madonna tar-Ruzarju li inisbu fil-knisja parrokkjali ta' Marija Bambina tal-Mellieħa. Kwadru ieħor b'dan is-suġġet huwa dak li insibu fil-Knisja Parrokjali ta' Santa Marija tal-Imqabba li pittru fil-1903. Fil-1916 pitter il-kwadru tal-Madonna tar-Ružarju li insibu fil-knisja parrokkjali ta' San Indrija ta' Ħal-Luqa.

Robert Caruana Dingli pitter il-kwadru tal-Madonna tar-Ruzarju li insibu fil-knisja parrokkjali ta' marija Assunta fiz-Zebbug Ghawdex.Dan il-kwadru kien lest u tqijed f'postu fis-sena 1926.

Emvin Cremona fil-1957 pitter il-kwadru sabiħ tal-Madonna tar-Rużarju li insibu fil-Bażilika Kolleġjata ta' Marija Bambina tal-Isla. Dan il-kwadru ha post wieħed iktar antik li kien inqered waqt it-tieni gwerra dinija.

Fil-knisja Bażilika ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur Għawdex insibu artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Il-Kwadru ta' dan l-artal huwa xogħol ta' Francesco De Domenicis li pittru fil-1711. Dan huwa kwadru antik u rari ħafna f'pajjiżna li insibu xogħol ta' dan il-pittur.

Stefano Erardi pitter il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li insibu fis-santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fil-waqt li Ibnu Alesio Erardi pitter dak li insibu fil-Knisja Parrokkjali tas-Salvatur ta' Ħal-Lija. Dan il-kwadru kien lesta fil-1702.

Fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Portu Salvu fil-Belt Valletta Ġużeppi Hyzler pitter il-Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju fil-1840. Dan il-kwadru jinsab fuq l-artal tal-kappellun iddedikat lil Madonna tar-Rużarju.

Fil-Kappellun tar-Rużarju fil-knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbug insibu l-kwadru sabiħ tal-Madonna tar-Rużarju xogħol il-pittur Żebbuġi Lazru Pizani li pittru fil-1903. Dan il-kwadru ha post ieħor iktar antik.

Hekk tajna daqqa t'għajn lejn ftit mill-kwadri tal-Madonna tar-Rużarju u l-awturi tagħhom li insibu imxerdin mall-knejjes f'Pajjiżna. Dan in-numru kbir ta' Artali iddedikati lill-Madonna Tar-Rużarju jixdu kemm dan it-titlu tal-Madonna għandu għeruq fondi fil-qalb tal-Maltin u fit-twemmin tagħhom.